**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**3 ta' Awwissu 2020**

**Rikors Numru 116/2019**

**Richard Attard**

**Vs**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Richard Attard** ipprezentat fit-18 ta' Novembru 2019 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"**Illi** fil-5 ta' Novembru 2019, r-rikorrenti ġie notifikat b'deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet ("l-Awtorita") fil-15 ta' Ottubru, 2019, li t-talba tiegħu għall-"Proposal to shift existing building alignment" fis-sit Triq Antonio Miruzzi c/w Triq Abela Scolaro c/w Triq l-Kanun, Hamrun ("l-Art") li bosta snin ilu kienet esproprjata mill-poter tiegħu, kienet qiegħda tiġi miċħuda – **Dokument JB1** hawn anness;*

***Illi** r-rikorrenti ħass ruħu aggravat minn din id-deċiżjoni tal-Awtorità, u qiegħed jagħmel użu minn din il-proċedura sabiex iressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu, filwaqt li jispjega lil dan it-Tribunal x'kien li ta lok għal din il-proċedura;*

***Illi** r-rikorrenti hu sid ta' proprjetà li tinsab fi Triq Antonio Miruzzi, Santa Venera. Fil-passat hu kien sid ukoll ta' porzjon art oħra, adjaċenti għal din il-proprjetà, u li tinsab fil-kantuniera bejn Triq Antonio Miruzzi, Triq il-Kanun u Triq Joseph Abela Scolaro, ilkoll ġewwa Santa Venera. Din l-art kienet ġiet akkwistata mir-rikorrenti permezz ta' kuntratt tat-2 ta' Ġunju 1983 fl-atti tan-Nutar Victor J. Bisazza;*

***Illi** in vista tal-fatt li din l-Art baqgħet ma ntużatx għall-iskop li ġiet akkwistata għalih, u kienet biss parti mill-art akkwistata mill-awtoritajiet governattivi li ntużat għal skopijiet ta' formazzjoni tat-triq, ir-rikorrenti qed jitlob lill-Awtorita tal-Ippjanar li jsir shifting of the building alignment sabiex ikun jista' jġib il-linja tal-bini fl-istess linja mal-binjiet l-oħra li*

*hemm fi Triq il-Kanun f'Santa Venera u eventwalment jaghmel talba lill-istess Awtorita' sabiex jerga' jixtri din l-Art mill-ġdid mill-poter tal-Awtorità, stante li hu kien is-sid tal-Art qabel ma din giet esproprjata;*

***Illi** r-rikorrent ressaq it-talba tiegħu fis-sena 2017, u f'perijodu ta' sitt xhur bagħat diversi emails lill-Awtorità sabiex jingħata informazzjoni dwar jekk kinitx ittieħdet xi deċiżjoni mill-Awtorità f'dan ir-rigward. Ir-rikorrent jirrileva li hu bagħat emails fil-11 ta' Lulju 2017, fit-3 ta' Awwissu 2017, fit-28 ta' Awwissu 2017, fis-26 ta' Settembru 2017, fil-11 ta' Ottubru 2017, fid-19 ta' Ottubru 2017, fid-29 ta' Novembru bagħat applikazzjoni formali permezz tal-website tal-Awtorità tal-Artijiet (għal din l-applikazzjoni l-esponent ingħata acknowledgment bin-numru ta' referenza PLA2/2019/0045), u emails oħra tal-4 ta' Diċembru 2017 u tas-6 ta' Diċembru 2017. Minkejja din il-korrispondenza kollha, l-Awtorità baqgħet ma tat ebda risposta definittiva lir-rikorrent dwar jekk it-talbiet tiegħu kinux ser jiġu akkolti. Ta' min jgħid li ma' kull email li ntbagħtet f'isem ir-rikorrent mill-perit tiegħu (il-Perit Ian Cutajar), l-Awtorità ġiet mgħarrfa li kien hemm probabbilità li l-applikazzjoni tar-rikorrent tiġi rifjutata mill-Awtorità tal-Ippjanar minħabba li kien ser jirriżulta li hu ressaq applikazzjoni tal-ippjanar fuq Art li hu mhux sid tagħha. Minkejja l-urġenza tal-każ u minkejja li l-Awtorità intimata kienet ben edotta mis-sitwazzjoni, din baqgħet inadempjenti u għal perijodu ta' aktar minn sentejn, ma tat l-ebda risposta lir-rikorrent fir-rigward;*

***Illi** minkejja dan, ir-rikorrent ressaq applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar, liema applikazzjoni ġiet irtirata mill-perit tiegħu in vista tas-silenzju u tan-nuqqas ta' għoti ta' risposta da parti tal-Awtorità. Kien biss issa, wara aktar minn sentejn ta' korrispondenza, li l-Awtorità intimata bagħtet tinforma lir-rikorrent li t-talba tiegħu "to shift existing building alignment" giet michuda, in vista li fil-preżent din l-Art qiegħda taqdi skop pubbliku (għall-użu ta' parkeġġ), u jekk tingħata għall-bini din ma tkunx tista' tintuża għal skopijiet ta' parkeġġ aktar, u b'hekk tintilef darba għal dejjem**;***

***Illi** bl-agir taghha f'din id-decizjoni, l-Awtorità qieghda tissana stat ta' illegalità ghax ma hemm ebda skop pubbliku fl-imsemmi parkegg kif ser jigi spjegat fil-paragrafu sussegwenti, meta wiehed jikkunsidra wkoll Ii l-esproprjazzjoni saret ghall-ragunijiet ta' formazzjoni ta' toroq;*

***Illi** r-rikorrent jikkontendi li dan id-dewmien da parti tal-Awtorità tal-Artijiet ippreġudikalu l-pożizzjoni tiegħu, partikolarment meta l-awtorità governattiva l-oħra involuta, Transport Malta, tat in-no objection tagħha ghal "Proposal to shift existing building alignment" tar-rikorrent. Ir-rikorrent iħossu aggravat aktar minħabba li bil-pożizzjoni li qiegħda tieħu l-Awtorità, li tirrifjuta t-talba tar-rikorrent ghal no objection ta' din l-Art sabiex ma jintilifx il-parkeġġ li nħoloq fuq din l-Art, din qiegħda tissana illegalità ovvja li qiegħda ssir fuq Art pubblika, minħabba li din l-Art la ġiet esproprjata biex tintuża bħala parkeġġ, u lanqas ma hi mfassla jew għandha xi linji fl-art li jindikaw b'liema mod għandhom jiġu pparkjati l-karozzi. Il-gravità ta' din il-pożizzjoni toħroġ aktar fid-deher meta wieħed jikkunsidra li l-linja tal-Art in kwistjoni mhix waħda regolari, u għalhekk kull min jipparkja l-vettura tiegħu fuq din l-Art jagħmel dan b'periklu evidenti għalih, u għas-sewwieqa u persuni li jkunu għaddejjin mit-triq, stante li jkollu jirriversja go triq traffikuza meta wiehed jikkunsidra wkoll li l-ipparkjar qed isir b'mod perpendikulari. Wiehed jipprezumi li n-nuqqas ta' linji tal-parkegg hu dovut ghall-fatt li d-distanza statutorja ta' 5.0 metri mill-kantunieri tal-bini ma tistax tigi rispettata minhabba l-qosor tal-faccata ezistenti u li taghti ghal fuq Triq il-Kanun, Santa Venera, dokumenti, ritratti u pjanti annessi u mmarkati **Dokumenti JB 2 sa Dok JB 7;***

***Illi** minħabba l-pożizzjoni li ttieħdet mill-Awtorità intimata, r-rikorrent spiċċa f'pożizzjoni fejn kellu jitlob is-sospensjoni tal-ipproċessar tal-applikazzjoni mressqa minnu quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar, u sakemm hu mhuwiex is-sid tal-Art in kwistjoni, il-possibilità li applikazzjonijiet simili jiġu kkunsidrati b'mod favorevoli għalih hi remota ferm, u għalhekk din l-applikazzjoni tiegħu ser tibqa' rtirata;*

***Illi** r-rikorrent iħossu aggravat mill-fatt li n-nuqqas ta' no objection mill-Awtorita' qed icahhdu wkoll milli eventwalment ikun jista' jakkwista lura l-Art li giet espropjata mill-poter tieghu minghajr ma ntuzat ghall-formazzjoni tat-triq. In oltre, l-eventwali akkwist minnu tal-Art hu ta' benefiċċju għall-erarju pubbliku minħabba li l-Gvern ser ikun qiegħed idaħħal flus li kieku din l-Art titħalla mitluqa kif inhi, ma kienx ser idaħħalhom. Ir-rikorrent jirrileva wkoll li din l-Art ma tista' tinteressa lil ħadd aktar ħlief lis-sid tal-proprjetà adjaċenti, li hu proprju r-rikorrent, u li l-ħsieb tiegħu hu li jirranġa l-linja tal-bini sabiex ikun hemm uniformità fil-linja tal-bini fi Triq il-Kanun. Dan naturalment b'titjib estetiku ovvju għal kull min jgħaddi minn din it-triq u jagħmel użu minnha.*

***Għaldaqstant,** ir-rikorrenti qiegħed umilment jitlob lil dan it-Tribunal jogħġbu:*

*i) Jiddikjara li bl-ittra taghha tal-21 t'Ottubru 2019, l-Awtorità qieghda tissana stat ta' illegalità ghax l-Art in kwistjoni ma gietx esproprjata biex isir parkegg u oltre dan ma hemm ebda skop pubbliku fl-isemmi parkegg;*

*ii) Iħassar, Jirrevoka u Jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata fuq l-Art fejn l-Awtorita' ċaħdet l-applikazzjoni tar-rikorrent għall-"Proposal to shift existing building alignment" fis-sit Triq Antonio Maruzzi c/w Triq Joseph Abela Scolaro c/w Triq il-Kanun, Hamrun, kif deċiż fl-ittra tal-21 ta' Ottubru 2019 mibgħuta lir-rikorrent, u konsegwentement*

*iii) Jordna lill-Awtorità intimata sabiex tilqa' u tapprova l-applikazzjoni tar-rikorrent ghal "Proposal to shift existing building alignment" fir-rigward ta' l-Art u dan sabiex ikun jista' jitkompla l-process quddiem l-Awtorita ta' l-Ippjanar, filwaqt li jagħti dawk il-provvedimenti l-oħra kollha li dan it-Tribunal jidhirlu li huma xierqa u opportuni."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` ta' l-Artijiet** ipprezentata fid-9 ta' Diċembru 2020 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"*

*1. Illi r-rikorrent talab l-Awtorita' esponenti permezz ta' applikazzjoni numru PLA2/2017/0045 liema applikazzjoni hija datata disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru elfejn u sbatax (2017) 'to shift existing building alignment' fis-sit Triq Antonio Miruzzi c/w Triq Abela Scolaro c/w Triq l-Kanun, Ħamrun (l-"Art").*

*2. Illi l-Awtorita' tal-Artijiet b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi datata 15 t' Ottubru, 2019 irrifjutat il-kunsens tagħha peress li l-art qed taqdi skop pubbliku (parkeġġ) li jekk tingħata għall-bini ser jintilef permanentement;*

*3. Illi r-rikorrent tenna illi ħassu aggravat mid-deċiżjoni tal-Awtorita' għar-raġunijiet illi ssemmew fir-rikors promutur u għaldaqstant qiegħed jitlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex jogħġbu:*

*a) Jiddikjara li bl-ittra tagħha tal- 21 t'Ottubru 2019, l-Awtorita' qiegħda tissana stat ta' illegalita' għax l-Art in kwistjoni ma ġietx esproprjata biex isir parkeġġ u oltre dan ma hemm ebda skop pubbliku fl-imsemmi parkeġġ;*

b) *Iħassar, jirrevoka u jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata fuq l-Art fejn l-Awtorita' ċaħdet l-applikazzjoni tar-rikorrent għall-"Proposal to shift existing building alignment" fis-sit Triq Antonio Maruzzi c/w Triq Joseph Abela Scolaro c/w Triq il-Kanun, Ħamrun, kif deċiż fl-ittra tal-21 ta' Ottubru 2019 mibgħuta lir-rikorrent, u konsegwentement;*

c) *Jordna lill-Awtorita' intimata sabiex tilqa' u tapprova l-applikazzjoni tar-rikorrent għall-"Proposal to shift existing building alignment" fir-rigward ta' l-Art u dan sabiex ikun jista' jitkompla l-process quddiem l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, filwaqt li jagħti dawk il-provvedimenti l-oħra kollha li dan it-Tribunal jidhirlu li huma xierqa u opportuni.*

4. *Illi Art7(2)(c) tal-Kap 563 jagħmilha l-funzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet illi "tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika" w'għaldaqstant l-Awtorita' kienet fid-dittijiet pjeni tagħha li tiehu tali decizjoni;*

5. *Illi in oltre fl-istess deċiżjoni tagħha l-Awtorità tat raġuni skont il-prinċipju amministrattiv ormaj stabbilit, "the duty to give reasons" u sejset id-deċiżjonijiet tagħha fuq il-fatti li kellha quddiemha;*

6. *Illi rigward l-ewwel aggravju l-Awtorita' tirribatti illi m'huwiex fil-kompitu ta' dan l-Onorabbli tribunal illi tiehu d-decizjoni mitluba ghaliex jekk art ittiehdetx ghal skop pubbliku o meno jaqa' taht il-gurisdizzjoni tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet illi jrid jara, fost affarijiet ohra, jekk tali talba hijiex wahda maghmulha fiz-zmien illi tippermetti l-ligi li jigi kkontestat l-iskop pubbliku;*

7. *Illi rigward it-tieni aggravju l-Awtorita' ssostni illi minbarra li hija kellha kull dritt tiehu tali decizjoni, jekk tigi milqugha t-talba ghal bidla fir-'road alignment' kif propost, u dan minghajr ma l-applikant ghandu l-art hija tkun qieghda effettivament tnehhi l-parkegg ezistenti u dak li kien espropjat terga troddu lura bi procedura illi m'hijiex il-procedura illi m'hijiex wahda kkontemplata fil-ligi u li barra min hekk tkun qed tikkoncedi l-uzu tal-art mehuda ghal skop pubbliku lill-privat, kontra kull dettami tal-ligijiet dwar l-espropoju;*

8. *Illi ghall-istess ragunijiet tal-paragrafu precedenti dan l-aggravju m'ghandux jigi milqugh;*

9. *Illi rigward l-aggravji fit-totalita' tagħhom u bla preġudizzju għas-suespot id-deċiżjoni mill-Awtorità intimata dwar l-imsemmija applikazzjoni kienet meħuda wara li ġie kkunsidrat l-aħjar użu illi għandu jsir mis-sit in kwistjoni, skond il-prinċipju tar-raġonevolezza tenut kont ukoll l-ispirtu tal-liġi dwar l-espropji u liema ragunijiet gew debitament notifikati lir-rikorrenti;*

*Għaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu mir-rikorrenti bl-ispejjeż interament għall-istess rikorrenti."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` intimata datata 15 ta' Ottubru 2019 komunikata lilu permezz ta' ittra datata 21 ta' Ottubru 2019 li permezz taghha gie mgharraf li t-talba tieghu ghal *"proposal to shift existing building alignment"* fis-sit Triq Antonio Miruzzi c/w Triq Joseph Abela Scolaro c/w Triq il-Kanun, Hamrun kienet qieghda tigi rifjutata peress li l-art taqdi skop pubbliku (parkegg) u li jekk tintlaqa' t-talba tieghu kien ser jintilef permanentement.

__**Ir-rikorrent**__ stqarr illi huwa sid ta' proprjeta` li tinsab fi Triq Antonio Miruzzi, Santa Venera. Jispjega li snin ilu huwa kien ukoll sid ta' art ohra adjacenti li giet esproprjata ghal formazzjoni ta' triq, liema art pero` ma ntuzatx kollha ghall-iskop li ttiehdet. Ghalhekk fl-2017 huwa ghamel talba sabiex jerga' jixtri parti minn dik l-art. Jispjega li r-raguni tar-rifjut ghat-talba tieghu mhix fondanta stante li ma hemm l-ebda parkegg regolari fuq l-istess art u wisq inqas jista' jkun hemm stante li ma jistghux jigu rispettati l-hames (5) metri mill-kantunieri tal-bini sabiex jigi akkomodat spazju ta' parkegg. In oltre l-art in kwistjoni mhux qed tintuza ghall-iskop li ghaliha ttiehdet.

__**Il-Perit Ian Cutajar**__ xehed illi huwa gie nkarigat mir-rikorrent sabiex jaghmel *Planning Control Application* ghal spustjar tal-*building alignment* fiz-zona in kwistjoni. Jispjega li fil-parti li fuqha qieghed jigi propost l-izvilupp m'hemm l-ebda marki mal-art li jindikaw li huwa parkegg u li jekk taqta' hames metri minn kull kantuniera prattikament ma jibqghax fejn wiehed jipparkja.

Illi mill-__**Application Report**__ redatt mill-Perit Stefan Scotto, Perit adett mal-Awtorita` intimata, jirrizulta illi l-istess Perit irrakomanda lill-Bord tal-Gvernaturi s-segwenti *"The site in question is currently used for on-street parking. It forms part of the acquisition which was undertaken for the construction of part of Triq Joseph Abela Scolaro. The proposal will result in the loss of a number of parking spaces in an area which has a lack of on street parking with minimal gains for Government."* Abbazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Perit Scotto irrakomanda li t-talba tar-rikorrent tigi rifjutata. Madankollu meta l-istess Perit gie mistoqsi jekk bhala fatt hemmx sinjali mal-art li jindikaw li fis-sit in kwistjoni hemm *parking bays* huwa ma kienx

jaf. Madankollu it-Tribunal josserva illi mir-ritratti esebiti mill-Perit Ian Cutajar jirrizulta li ma hemm ebda sinjali ta' kaxxi ta' parkegg.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-sit in kwistjoni li fuqu ghamel it-talba r-rikorrent originarjament kien proprjeta` tieghu u li gie esprorprjat mill-Gvern, flimkien ma' bicca art ikbar, u dan kif jixhed kuntratt datat 6 ta' April 1988 (Dok D a fol. 49). Illi minn ittra mighuta minn certu "M. Busuttil" mid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici lill-Kummissarju tal-Artijiet fil-21 ta' Gunju 1977 jirrizulta illi l-art esproprijata kienet se sservi ghal "*proposed link up with Cannon Road.*" (a fol. 64)

Illi r-rikorrent jissottometti illi l-parti tal-art li qed jitlob hu, u li kienet originarjament esproprjiata minghandu, ma ntuzatx ghall-iskop li ghalih sar l-esproprju u ghalhekk ghamel it-talba biex isir *"shifting"* tal-linji tal-bini u eventwalment jaghmel talba lill-Awtorita` intimata sabiex jerga' jixtri l-imsemmi porzjon art.

Illi fil-fehma tal-Awtorita` intimata l-applikazzjoni tar-rikorrent kellha tigi michuda stante li kien se jintilef parkegg b'mod permanenti.

Illi r-rikorrent jishaq illi l-Awtorita` intimata, bid-decizjoni taghha, issanat stat ta' illegalita` *siccome*` fejn qeghdin jipparkjaw il-vetturi fuq is-sit m'hemmx sinjali mal-art ta' parkegg. In oltre, jishaq illi ladarba l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta ma oggezzjonatx ghat-talba tar-rikorrent, allura l-Awtorita` intimata ma kellha l-ebda poter tichad it-talba tieghu abbazi ta' konsiderazzjonijiet ta' parkegg.

Illi t-Tribunal josserva illi ai termini tal-artikolu 7 (c) tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Awtorita` tat-Trasport f'Malta) l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta ghandha s-setgha li *"tippjana, tiddisinja, tirregola u tawtorizza tabelli jew sinjali tat-traffiku stradali, marki tat-toroq u miżuri għat-trażżin tat-traffiku, l-istallazzjoni ta' tagħmir għall-kontroll tat-traffiku u tagħmir tad-dawl relatat, il-kostruzzjoni ta' stoffi fit-toroq, u l-istallazzjoni ta' cameras tal-veloċità u faċilitajiet oħra tat-traffiku stradali, għall-finijiet tat-traffiku, tal-immaniġġar u tal-kontroll."*

Pero`, minkejja din il-mansjoni li ghandha l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, l-Awtorita` intimata tibqa' responsabbli li tara li jsir l-ahjar uzu mill-art pubblika, u la darba l-art in kwistjoni kienet giet esproprjata, allura din hija art pubblika. Di fatti artikolu 7 (c) tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Awtorita` ta' l-Artijiet) jaghti s-setgha lill-Awtorita` intimata li *"tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika bħall-perimetru tal-kosta, ix-xtut, portijiet, mollijiet, puntuni,*

*portbeaches, postijiet ta' nżul, irmiġġi, kanali, akwadotti, lagi, spieri naturali, irdum, widien, pjazez pubbliċi,* ***toroq****, sqaqien, korsiji, rotot ta' aċċess għall-postijiet pubbliċi oħra inkluż dawk li jwasslu għall-perimetru tal-kosta, boskijiet, parki, żoni ta' importanza ekoloġika jew ambjentali u s-siti ta' importanza kulturali, soċjali, jew storiċi."*

Illi ghalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, ghalkemm l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta jista' jkun li ma oggezzjonatx[1] ghat-talba li ghamel ir-rikorrent lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar, madankollu ma kien hemm xejn xi jzomm lill-Awtorita` intimata milli taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha u tevalwa t-talba tar-rikorrenti abbazi tad-doveri legali taghha.

Illi ghalkemm fil-prezent huwa minnu kif sottomess mir-rikorrent illi ma hemm l-ebda sinjali ta' parkegg, madankollu jirrizulta b'mod car illi l-istess porzjon art qieghda tintuza bhala parkegg ghax ir-ritratti kollha mehuda tas-sit juru vetturi ipparkjati. Illi fuq dan il-punt, ir-rikorrenti jissottometti illi anke kieku din il-bicca art kellha sservi ta' parkegg, l-iskop se jkun limitat immens *siccome*` iridu jithallew hames (5) metri minn kull kantuniera. Dan l-argument qieghed isir b'referenza ghal Regolament 79 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur). Ghal ahjar intendiment tal-argument tar-rikorrenti, it-Tribunal se jiccita testwalment dan ir-Regolament, u cioe`:

"*79. Ħadd ma għandu, ħlief jekk ma jiġix ordnat jagħmel xort'oħra minn uffiċjal tal-Pulizija jew minn uffiċjal tal-komunità,* ***jipparkja*** *jew jħalli waħedha xi vettura bil-mutur jew trailer -*

*(a) matul 12-il metru minn kull naħa ta' xi bus stop jew fare stage, sakemm is-sinjali jew marki uffiċjali tat-triq ma jkunux juru xort'oħra;*
*(b) madwar roundabout tat-traffiku jew traffic island;*
*(ċ) fuq, jew matul 4 metri minn, post ta' qsim għall-pedestrians, minn naħa li minnha jkun ġej it-traffiku, sakemm ma jkunx hemm bankina sporġuta 'l barra;*
*(d) fuq il-bankina sakemm ma jkunx indikat xort'oħra b'sinjal adatt; L.S. 65.05*
*(e) f'kull post fejn sinjali proprji tat-triq kif indikati firRegolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata jkunu juru li ma jistax isir ipparkjar;*
*(f) b'mod li jfixkel il-passaġġ ta' vettura li tkun ipparkjata sewwa; jew*
***(g) matul 5 metri minn kantuniera, liwja jew splay:***

*Iżda fil-każ ta' liwja jew splay, il-5 metri msemmija fil-paragrafu (e)*[2] *għandhom jitkejlu minn fejn il-linji jaqsmu lil xulxin fl-allinjament estiż tal-bini fuq kull naħa taż-żewġ toroq li jiffurmaw dik il-liwja jew splay:*

***Iżda wkoll fejn is-sinjali tat-triq indikati fit-Taqsima IID(f)(13) tar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, f'kantuniera, liwja jew splay ta' xi triq partikolari ma jestendux għal-limitu ta' ħames metri stipulati, dik il-projbizzjoni ma***

---

[1] Qieghed jinghad "jista' jkun" ghaliex ma gie prodott l-ebda rappreżentant tal-imsemmija Awtorita` biex jikkonferma in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-istess Awtorita`

[2] It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ittra (e) hija zbaljata ghaliex il-hames (5) metri ssir referenza ghalihom fil-ittra (g) tar-Regolament 79.

***għandhiex bl-istess mod tkun testendi għall-ħames metri sħaħ u għandha tkun limitata għad-distanza koperta mill-imsemmija sinjali tat-triq.****"***

Illi minn qari ta' dan ir-Regolament jirrizulta illi filwaqt li huwa minnu dak sostnut mir-rikorrent, u cioe`, li bhala regola ghandu jithalla spazju ta' hames (5) metri minn kull kantuniera, madankollu l-istess Regolament jindika wkoll illi jista' jkun hemm eccezzjonijiet fejn il-projbizzjoni ta' pparkjar f'tul ta' hames (5) metri minn kantuniera jista' jkun wiehed iktar limitat.

Illi minn dak li seta' josserva t-Tribunal mill-pjanta sottomessa mir-rikorrent bhala Dokument JB6 a fol. 11 tal-process, it-tul tal-binja fejn prezentement qeghdin jipparkjaw il-vetturi hija ta' hmistax (15)-il metru. Jekk wiehed jaqta' hames (5) metri minn kull kantuniera jifdal hames (5) metri fejn wiehed jista' jipparkja, u cioe` bejn wiehed u iehor spazju ta' parkegg ta' tliet (3) vetturi jew izjed jekk l-Awtorita` kompetenti taghzel li ma thallix il-hames (5) metri minn kull kantuniera.

Illi ghalhekk huwa car illi ghalkemm m'hemmx sinjali ta' parkegg mal-art, hemm potenzjal ta' spazju ta' parkegg, liema spazji ta' parkegg fiz-zona huma ferm imfittxija u dan kif xehed il-Perit Scotto u kif seta' jivverifika dan it-Tribunal stess f'numru ta' okkazzjonijiet li kellu l-okkazjoni jghaddi mill-istess inhawi.

Illi aggravju iehor imressaq mir-rikorrent huwa dak abbazi tal-fatt illi l-eghmil tal-Awtorita` intimata jmur kontra l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jghid illi kull "*kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragjonevoli.*"[3] Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa m'ghandu l-ebda kompetenza li jippronunzja ruhu dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghaliex tali pronunzjament huwa riservat ghall-Qrati ordinarji. Madankollu jirrileva illi artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jirreferi ghal kawzi quddiem "*qorti jew awtorita` gudikanti imwaqqfa b'ligi".* It-Tribunal jirrileva illi l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` intimata huwa biss organu amministrattiv illi jiehu decizjonijiet li jkunu soggetti ghall-iskrutinju u sindakabbli minn dan it-Tribunal bi dritt ta' Appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), u ghaldaqstant l-Awtorita` intimta ma hijiex awtorita` gudikanti u wisq inqas qorti ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. It-Tribunal jifhem illi forsi r-rikorrent stenna iktar speditezza biex tittiehed id-decizjoni da parti tal-Awtorita` intimata *siccome*` l-process ghall-applikazzjoni sottomessa mal-Awtorita` ta' l-Ippjanar kienet wieqfa tistenna l-ezitu tad-decizjoni tal-Awtorita` intimata u eventwalment l-istess applikazzjoni kellha tigi rtirata. Madankollu, it-Tribunal josserva illi kienet ghazla tar-rikorrent japplika mal-Awtorita` ta' l-Ippjanar qabel biss kellu decizjoni favorevoli tal-Awtorita` intimata.

---

[3] Ara paragrafu 4.4 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti

Illi ghaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn irregolari jew illegali fid-decizjoni mehuda mill-Awtorita` intimata ghaliex biha qieghda tara li taqdi d-dmirjiet imposti fuqha mil-Ligi li taghmel l-ahjar uzu mill-art pubblika fejn hawn riedet twiezen bejn telf ta' parkegg u gwadann minn terz ghal skopijiet ta' bini. Illi r-rikorrent jirrileva illi li kieku huwa kellu jerga' jixtri l-art in kwistjoni dan se jkun ta' beneficcju ghall-erarju pubbliku. It-Tribunal ma huwiex tal-istess opinjoni u dana ghaliex dak li trid tara l-Awtorita` intimata mhux necessarjament x'se tibbenefika minnu f'termini ta' flus imma biex taqdi d-doveri taghha sew trid tara li d-decizjonijet taghha jkunu bilancjati wkoll favur id-drittijiet tal-pubbliku in generali. Dan iktar u iktar meta hemm kwistjoni ta' telfien ta' parkegg jew potenzjal ta' parkegg li jista' jintilef meta kulhadd huwa konxju tal-problema kbira li hawn fil-pajjiz fejn jidhol parkegg.

Illi fl-ahharnett it-Tribunal jirrileva illi fit-tielet talba tieghu ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal sabiex "jordna" lill-Awtorita` intimata sabiex tilqa' u tapprova l-applikazzjoni tar-rikorrent. It-Tribunal jirrileva illi huwa m'ghandu l-ebda kompetenza jaghmel dan. Il-kompetenza tieghu ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta hija li "jirrevedi atti amministrattivi" u mhux li jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-awtoritajiet pubblici b'dik tieghu. Dik id-diskrezzjoni tibqa' dejjem vestita fl-Awtorita` kompetenti.

Illi ghalhekk it-Tribunal se jkun qieghed jikkonferma d-decizjoni appellata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jichad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**